

Brussell, 17 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10622/26

ENV 746
AGRI 502
COMPET 780
CONSOM 200
ENT 153
FIN 894
FOOD 85
IND 419
MI 648
SAN 485

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Rapport Speċjali 23/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "L-immaniġġjar tal-iskart muniċipali – Minkejja titjib gradwali, għad hemm sfidi għall-progress tal-UE lejn iċ-ċirkolarità"
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 23/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, kif approvati mill-Kunsill fl-4179 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Ġunju 2026.

Rapport Speċjali 23/2025 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "L-immaniġġjar tal-iskart muniċipali – Minkejja titjib gradwali, għad hemm sfidi għall-progress tal-UE lejn iċ-ċirkolarità"

- konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JILQA' r-Rapport Speċjali Nru 23/2025 tal-QEA bit-titolu "L-immaniġġjar tal-iskart muniċipali – Minkejja t-titjib gradwali, għad hemm sfidi għall-progress tal-UE lejn iċ-ċirkolarità"¹ u JIEĦU NOTA tat-tweġibiet tal-Kummissjoni² għal dan ir-Rapport Speċjali; IFAKKAR li, skont it-Trattati, il-Kummissjoni hija l-istituzzjoni responsabbli mill-applikazzjoni u l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;
2. JIRRIKONOXXI l-osservazzjoni tar-Rapport Speċjali li, minkejja titjib gradwali fir-rati ta' riċiklaġġ u tnaqqis fil-landfills, diversi stati membri għadhom jiffaċċjaw sfidi fil-progress tagħhom lejn is-sostenibbiltà, minħabba restrizzjonijiet finanzjarji, ta' implimentazzjoni jew ta' kapaċità u JINNOTA l-isfidi identifikati mill-QEA rigward sistemi insuffiċjenti ta' għbir separat f'partijiet tal-Unjoni u dewmien fl-iżvilupp tal-infrastruttura;

¹ Ir-rapport jista' jiġi kkonsultat fuq is-sit web tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:

https://www.eca.europa.eu/ECAPublications/SR-2025-23/SR-2025-23_MT.pdf

² https://www.eca.europa.eu/Lists/ECAREplies/COM-Replies-SR-2025-23/COM-Replies-SR-2025-23_MT.pdf

3. JILQA' r-rakkomandazzjoni tal-QEA biex jiġu indirizzati ostakli strutturali fis-swieq tar-riċiklaġġ u biex jissaħħa l-argument għall-vijabbiltà għar-riċiklaturi; JINNOTA l-valutazzjoni li qed issir mill-Kummissjoni tal-aħħar pjanijiet nazzjonali, reġjonali u lokali għall-immaniġjar tal-iskart; u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tiffaċilita l-funzjonament tas-suq uniku għall-materja prima sekondarja u l-iskart, b'mod partikolari fir-rigward tal-materja prima kritika, inkluż miżuri biex tiżdied il-provvista ta' materjali riċiklati ta' kwalità għolja u tiġi stimulata d-domanda għal prodotti ċirkolari;
4. JFAKKAR fl-isforzi tal-Kummissjoni biex tistabbilixxi miri rilevanti, ibbażati fuq raġunament robust, u rekwiżiti legali oħra dwar ir-riċiklaġġ; JINNOTA li l-Kummissjoni pprovdiet rakkomandazzjonijiet pertinenti lill-Istati Membri u żżomm skambji operattivi regolari mal-awtoritajiet tal-Istati Membri rigward l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE; IĦEĠĠEĠ l-isforzi tal-Kummissjoni biex tuża l-għodod kollha meħtieġa biex tiffaċilita l-konformità;
5. JINNOTA li ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, inkluż Artikolu 11(4) tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, mhux dejjem jistipulaw limiti ta' żmien espliċiti għall-valutazzjonijiet, u JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tindirizza l-lakuni legali identifikati fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u ttejjeb iċ-ċarezza fil-kuntest tal-evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, skedata għall-2029;
6. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli tivvaluta l-fattibbiltà u l-effettività ta' diversi strumenti ekonomiċi, inkluż mekkaniżmi ta' pprezzar relatati mar-rimi f'landfills u l-inkinerazzjoni (f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas);
7. JENFASIZZA li l-kisba tal-oġettivi tal-Unjoni dwar l-ekonomija ċirkolari u l-klima tirrikjedi azzjoni koordinata mill-Kummissjoni, l-Istati Membri, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini, u li t-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart muniċipali huwa essenzjali biex jitnaqqsu l-impatti ambjentali, tiżdied l-effiċjenza fir-riżorsi u jissaħħa r-reżiljenza u l-kompetittività tal-Unjoni.